**11 ta' Diċembru, 1967**

**Imħallfin**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. — President**

**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt. (Rome), B.A. Hons. (Lond.), Ph.D. (Lond.), F.R.Hist.S. — Viċi-President**

**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Walter Bonello noe

*versus*

Salvu Farrugia

**Qorti — Provi — Dokument eżibit fil- —Alterazzjoni f' — Perizja.**

*Huwa desiderabbli li meta jiġi allegat li dokument eżibit fil-Qorti ġie alterat issir perizja biex jiġi definittivament konstatat jekk saritx dik l-alterazzjoni allegata.*

*Il-Qorti, rat it-talba tal-konvenut quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina għan-nomina tal-Perit* kalligrafu magħmulha bir-rikors tas-sebgħa (7) ta' Novembru, 1967 biex jiġi konstatat, kif spjega id-difensur tal-konvenut, jekk il-kambjali baqgħetx fl-istess stat ta' x'ħin ġiet esibita.

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti tat-13 ta' Novembru, 1967 li bih, billi apparti illi "ictu oculi" jirriżulta ċar biżżejjed illi ebda alterazzjoni ma saret fil-kambjali, mix-xhieda li nstemgħu mill-Qorti, fil-fehma ta' l-istess Qorti ma kienx hemm lok għall-provvediment mitlub; ċaħdet it-talba tal-konvenut,

bl-ispejjeż *kontra tiegħu*, u ħalliet il-kawża għall-kumplament tal-provi għall-1 ta' Diċembru. 1967 wara l-11.15 p.m. u ordnat illi, sakemm jgħaddi *ż-żmien* tal-appell minn dak id-digriet, il-kambjali u ktieb tal-kopja ta' l-istess kambjali jibqgħu taħt il-kustodja personali tar-Reġistratur, kif jibqgħu wkoll fil-kustodja tar-Reġistratur jekk jiġi inoltrat l-appell.

Rat *ir-rikors li bih il-konvenut* appella *mill-imsemmi* digriet u talab li jiġi revokat u jiġi ordnat li l-perizja ssir jew li jingħataw provvedimenti oħrajn li jagħmlu għall-każ u dana dejjem għall-fini pre-rekjest minnu bit-talba għan-nomina tal-perit kalligrafu.

Rat *ir-risposta* ta' l-appellat.

Semgħet *il-trattazzjoni* u kkunsidrat —

*L-allegazzjoni magħmula mill-appellant jew aktarx mill-*avukat tiegħu hi ta' natura mill-aktar gravi kwantu li timporta kommissjoni ta' delitt ta' falżifikazzjoni ta' dokumenti eżibit quddiem il-Qorti u li saret quddiem l-istess Qorti bi skop li tiġi svijata l-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Fil-fehma ta' din il-Qorti — u dan jingħad wara li hi stess attirat l-attenzjoni għall-gravità ta' l-allegazzjoni — allegazzjoni ta' din ix-xorta hu xieraq li tiġi nvestigata 'fundıtus' għal kull possibbli konsegwenza li jista' jkollha naħa jew oħra.

Quddiem l-ewwel Onorabbli l-appellat, rigward in-nomina tal-perit, ma opponiex ruħu u issa quddiem din il-Qorti stqarr illi anzi jixtieq li ssir dik in-nomina biex il-fatti jiġu għal kollox epurati. L-oġġett tal-perizja naturalment ikun — salv dak li jogħġobha tordna l-ewwel Onorabbli Qorti — illi l-perit jaċċerta kemm hu xjentifikament possibbli jekk il-kliem "on a/c" sew fil-kambjali ossija riċevuta in kwistjoni kemm fil-*counterfoil* relative ġewx miżjudin wara li dawk id-doku-

menti saru nkella sarux fl-istess żmien u mill-istess id li kitbet il-nqija.

Inoltre l-appellat iddikjara li hu pront, fil-każ li l-ewwel Onorabbli Qorti jogħġobha hekk tordna illi jagħmel depożitu preventiv għad-dritt tal-*perit*.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-appell, tirrevoka d-digriet appellat u *tirrimetti l-atti lill-ewwel Onorabbli Qorti* għan-nomina tal-perit. L-ispejjeż ta' prim'istanza jibqgħu riżervati għad-direzzjoni finali. L-ispejjeż tal-appell jibqgħu mingħajr taxxa.